MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-9 ta' April, 2013

Rikors Numru. 606/2012

**AB**
**vs**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fil-31 ta' Ottubru 1987 (Dok A anness) u minn dan iz-zwieg huma kellhom wild XD (Dok B), illum maggorenni;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri-Soler, mid-disgha (9) t'Ottubru tas-sena elf, disa' mija u sitta u disghin (1996) (Dok. C);

Illi l-partijiet ilhom ma jghixu flimkien ghal diversi snin, u certament mid-data tas-separazzjoni personali;

Illi l-esponenti jissottometti illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut la lejn l-intimata, la favur ta' l-esponent peress li l-partijiet iddekadew mid-dritt taghhom ghal manteniment, u lanqas versu t-tifel, li llum huwa maggorenni u ma jistudjax;

Illi ghalhekk dawn il-fatti jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registu Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat kull fejn hu opportune fl-istess Registru;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Jannar, 2013;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom ma jghixu flimkien ghal diversi snin u illi ilhom legalment separati mid-9 ta' Ottubru 1996;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda manteniment dovut;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------